Nru. 17,579
Prezz Lm1.12c
Price Lm1.12c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 7 ta' Mejju, 2004
Friday, 7th May, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 459**

### ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (SIGURTÀ SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATI<br>*DATES* |
|---|---|---|---|
| Mr Tonio Farrugia | Direttur<br>*Director* | Sigurtà Soċjali<br>*Social Security* | 6-15.5.2004<br>24-29.5.2004 |

Is-7 ta' Mejju, 2004

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 459**

### APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Family and Social Solidarity has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATI<br>*DATES* |
|---|---|---|---|
| Mr Tonio Farrugia | Direttur<br>*Director* | Sigurtà Soċjali<br>*Social Security* | 6-15.5.2004<br>24-29.5.2004 |

7th May, 2004

**Nru. 460**

### ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (TELEGRAFIJA MINGĦAJR FILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Henry R Spiteri | Aġent Direttur<br>(Telegrafija minghajr Fili)<br>*Acting Director*<br>*(Wireless Telegraphy)* | Dipartiment tat-Telegrafija minghajr Fili<br>*Wireless Telegraphy* | 09-15.5.2004 |

Is-7 ta' Mejju, 2004

**No. 460**

### APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (WIRELESS TELEGRAPHY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Henry R Spiteri | Aġent Direttur<br>(Telegrafija minghajr Fili)<br>*Acting Director*<br>*(Wireless Telegraphy)* | Dipartiment tat-Telegrafija minghajr Fili<br>*Wireless Telegraphy* | 09-15.5.2004 |

7th May, 2004

**Nru. 461**

**PROSPETT**

**ĦRUĠ TA' AMMONT LI MA JEĊĊEDIX Lm25,000,000 4.8 FIL-MIJA *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2016 (IT-TIENI ĦRUĠ) *FUNGIBILITY ISSUE***

**Awtorizzat skond l-Att ta' l-2004 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru.II ta' l-2004) u l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161**

1. OFFERTI

a. OFFERTI jifthu t-Tnejn 17 ta' Mejju, 2004 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar il-Ħamis, 20 ta' Mejju, 2004, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

b. L-offerti għandhom ikunu ta' mhux inqas minn Lm101 għall-Lm100 nominali.

ċ. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa ma jeċċedux il-Lm250,000 jkunu magħmulin f'offerti għal minimu ta' Lm50,000 kull wieħed u multipli ta' Lm1,000. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt il-paragrafu (d).

d. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li jeċċedu Lm250,000, jridu jkunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta' Lm250,000 kull waħda. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt paragrafu (c).

e. Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti, it-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq *fax* 25967210.

f. Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin ta' l-għeluq.

2. *POLICY* DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*: L-allokazzjoni ta' l-i*Stock* issir kif gej:

a. Offerti jiġu klassifikati mill-għola sa l-inqas prezz u l-i*Stock* jiġi allokat lill-applikanti li l-offerti tagħhom ikunu daqs jew iżjed mill-inqas prezz li l-*Accountant General* jiddeċiedi.

b. Offerti fuq l-aħħar rata aċċettata minn aktar min applikant wieħed ssir b'mod proporzjonat skond l-ammont tal-offerti.

**No. 461**

**PROSPECTUS**

**ISSUE OF AN AMOUNT NOT EXCEEDING Lm25,000,000 4.8 PER CENT MALTA GOVERNMENT STOCK 2016 ( SECOND ISSUE) FUNGIBILITY ISSUE**

**Authorised under the Budget Measures ImplementationAct, 2004 (Act No II of 2004) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance,**

**Cap. 161**

1.BIDS

a. Bids open on Monday 17th May, 2004 at 8.30 a.m. and close at 12.00 noon on Thursday, 20th May, 2004 or earlier at the discretion of the Accountant General.

b. Bids are to be made not less than Lm101 per Lm100 nominal.

c. Applications by any single applicant, which in the aggregate do not exceed Lm250,000, shall be in the form of sealed bids for a minimum of Lm50,000 each and multiples of Lm1,000. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraph (d).

d. Applications by any single applicant, which exceed Lm250,000 shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of Lm250,000 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraph (c).

e. Bids on the prescribed forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 25967210.

f. All applications will be irrevocable after closing time.

2 ALLOTMENT POLICY: Allocation of Stock will be made in the following order:

a. Bids will be ranked in descending order of price and Stock will be allotted to applicants whose bids are at or above the lowest price at which the Accountant General decides.

b. Bids at the cut off line by more than one applicant will be allotted in proportion to the amount of the bids.

ċ. Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skond l-aħħar rata aċċettata.

3. ĦLAS TA' DIVIDENDI (MGĦAX)

a) Id-dividend (mgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-26 ta' Mejju u fis-26 ta' Novembru ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*.

b) L-ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn is-26 ta' Mejju, 2004 u s-26 ta' Novembru, 2004 isir fis-26 ta' Novembru, 2004.

c) Ħlas ta' dividend (mgħax) isir skond kif indikat fuq il-formola ta' l-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

4. L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali ta' l-i*Stock* preżenti fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati ma' l-i*Stock* eżistenti.

5. FIDWA TA' *STOCK*: L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fis-26 ta' Novembru, 2016.

6. SIGURTÀ: L-i*Stock* u d-dividend fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

7. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

a) Skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, 2002 (Kap.345) saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex l-i*Stock* ikun allokat u sabiex jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

b) Fis-26 ta' Novembru, 2004 wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 4.8% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (II) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

8. LEĠISLAZZJONI RELATTIVA: L-Att ta' l-2004 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2004), l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, u direttivi mill-Ministru tal-Finanzi taħt l-artikolu 4(1) (a) ta' l-Ordinanza msemmija, ir-Regolamenti ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat)

Nota: Il-valur ta' l-investiment jista jitla' kif ukoll jinżel matul iż-żmien li l-i*Stock* ikun fis-suq.

Is-7 ta' Mejju, 2004

c. Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut off rate.

3. PAYMENT OF DIVIDENDS (Interest)

a) Dividend (interest) is payable half yearly in arrears on the 26th day of May and the 26th day of November during the tenure of the Stock.

b) The first pro-rata payment covering the period from the 26th May, 2004 to 26th November, 2004 will be made on the 26th November, 2004.

c) Payment of dividend (interest) will be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

4. The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of the present Stock in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the existing Stock.

5. REDEMPTION OF STOCK: The Stock shall be redeemed at par on the 26th November, 2016.

6. SECURITY: The Stock and dividend thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

7. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

a) Pursuant to the Financial Markets Act, 2002 (Cap. 345) an application has been submitted to the Listing Authority for the bonds to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for the bonds to be admitted to its Official List.

b) On the 26th November 2004 after the payment of the first dividend, this Stock will be integrated with the existing issue 4.8% Malta Government Stock 2016 (II) and shall thereafter both be deemed to be one Stock.

8. RELEVANT LEGISLATION: The Budget Measures Implementation Act, 2004 (Act No. II of 2004), the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161, and directives by the Minister of Finance under article 4 (1) (a) of the said Ordinance, the Local Loans(Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenure of the stock.

7th May, 2004

**Nru. 462**

**PROSPETT**

**ĦRUĠ TA' AMMONT LI MA JEĊĊEDIX Lm40,000,000 5 FIL-MIJA *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2021 (L-EWWEL ĦRUĠ)**

**Awtorizzat skond l-Att ta' l-2004 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru.II ta' l-2004) u l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161**

1. APPLIKAZZJONIJIET

a. APPLIKAZZJONIJIET jiftħu t-Tnejn, 17 ta' Mejju, 2004 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar il-Ħamis, 20 ta' Mejju, 2004, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

b. L-applikazzjonijiet kollha għandhom ikunu f'multipli ta' Lm100 fuq il-formola preskritta.

c. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn u jiġu depożitati għand il-Membri tal-Borża ta' Malta u Ditti awtorizzati biex jipprovdu Servizz ta' Investiment.

d. Applikazzjonijiet, minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien, li ma jeċċedux Lm50,000 kull persuna jkunu lira bl-lira. L-applikanti f'din il-kategorija ma jistgħux jagħmlu wkoll offerti taħt il-paragrafi (e) u (f) hawn aktar 'l isfel.

e. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu Lm50,000, imma ma jeċċedux il-Lm250,000 jkunu magħmulin f'offerti għal minimu ta' Lm50,100 kull wieħed. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt il-paragrafi (d) u (f).

f. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu Lm250,000, għandhom ikunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta Lm250,000 kull waħda. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt paragrafi (d) u (e).

g. Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti, it-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq *fax* 25967210.

h. Applikazzjonijiet li jsiru minn minuri jiġu biss aċċettati jekk dawn ikunu iffirmati minn persuni li jkunu ġenituri, tuturi jew kuraturi tagħhom.

**No. 462**

**PROSPECTUS**

**ISSUE OF AN AMOUNT NOT EXCEEDING Lm 40,000,000 5 PER CENT MALTA GOVERNMENT STOCK 2021 ( FIRST ISSUE)**

**Authorised under the Budget Measures Implementation Act, 2004 (Act No II of 2004) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161**

1. APPLICATIONS

a. Applications open on Monday 17th May, 2004 at 8.30 a.m. and close at 12.00 noon on Thursday, 20th May, 2004 or earlier at the discretion of the Accountant General.

b. All applications are to be made in multiples of Lm100 on the prescribed form.

c. Application forms may be obtained from, and lodged at, all Members of the Malta Stock Exchange and other authorised Investment Services Providers.

d. Applications by any single and/or joint applicants, which in the aggregate must not exceed Lm50,000 per person, shall be at par. Applicants under this category are precluded from bidding also under paragraphs (e) and (f) below.

e. Applications by any single applicant, which in the aggregate are over Lm 50,000, but do not exceed Lm250,000, shall be in the form of sealed bids for a minimum of Lm50,100 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (f).

f. Applications by any single applicant, which in the aggregate exceed Lm 250,000 shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of Lm250,000 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (e).

g. Bids on the prescribed forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 25967210.

h. Applications by minors will only be accepted if signed by a legal guardian.

i. Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin ta' l-għeluq.

2. *POLICY* DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*: L-allokazzjoni ta' l-i*Stock* issir kif gej:

a) L-Offerti jiġu kkunsidrati wara li l-applikazzjonijiet li jkunu saru Lm100 b'Lm100 jkunu ġew eżawriti.

b) F'każ li d-domanda għall-i*Stock* taħt paragrafu 1d tkun aktar milli jkun hemm, l-allokazjoni ta' l-i*Stock* fost l-applikanti kollha f'dik il-kategorija ssir b'mod proporzjonat skond l-għadd ta' applikazzjonijiet li jkunu saru.

ċ) Offerti fuq l-aħħar rata aċċettata minn aktar min applikant wieħed ssir b'mod proporzjonat skond l-ammont tal-offerti.

d) Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skond l-aħħar rata aċċettata.

Ħlas b'lura ta' applikazzjonijiet li ma jiġux allokati għal kollox isir qabel il-ħruġ tal-Parir ta' Reġistrazzjoni. Dak il-ħlas lura jsir bi kreditu dirett fil-kont li hemm indikat għal ħlas ta' l-imgħax.

3. ĦLAS TA' DIVIDENDI (MGĦAX)

a) Id-dividend (mgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-8 ta' Frar u fit-8 ta' Awissu ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*.

b) L-ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn is-26 ta' Mejju, 2004 u t-8 ta' Awissu, 2004 isir fit-8 ta' Awissu, 2004.

ċ) Ħlas ta' dividend (mgħax) isir skond kif indikat fuq il-formola ta' l-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

d) F'każijiet meta *Stock* ikun reġistrat fl-ismijiet ta' żewġ persuni jew iżjed bħala kodetenturi ta' *Stock*, il-ħlas isir lill-persuna li isimha jkun jidher l-ewwel fir-reġistru.

4. L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali ta' l-i*Stock* preżenti fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati ma' l-i*Stock* eżistenti.

5. FIDWA TA' *STOCK*: L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fit-8 ta' Awissu, 2021.

i. All applications will be irrevocable after closing time.

2. ALLOTMENT POLICY: Allocation of Stock will be made in the following order:

a) Applications by auction will be considered after applications at par are exhausted.

b) In the case of over-subscription by applicants under paragraph 1d, allotment will be effected proportionately to the amount of the applications made.

c) Bids at the cut off line by more than one applicant will be allotted in proportion to the amount of the bids.

d) Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut off rate.

Refunds of applications, which are not wholly allotted, will be effected before the issue of the relevant Registration Advices. Such refunds will be paid by direct credit in the account indicated for the payment of dividends.

3. PAYMENT OF DIVIDENDS (Interest)

a) Dividend (interest) is payable half yearly in arrears on the 8th day of February and the 8th day of August during the tenure of the Stock.

b) The first pro-rata payment covering the period from the 26th May, 2004 to 8th August, 2004 will be made on the 8th August, 2004.

c) Payment of dividend (interest) will be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

d) In cases where Stock is registered in the name of two or more persons as joint stockholders, payment will be made to the person whose name appears first in the register.

4. The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of the present Stock in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the existing Stock.

5. REDEMPTION OF STOCK: The Stock shall be redeemed at par on the 8th August, 2021 .

6. SIGURTÀ: L-i*Stock* u d-dividend fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

7. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

Skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, 2002 (Kap. 345) saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex l-i*Stock* ikun allokat u sabiex jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

8. LEĠISLAZZJONI RELATTIVA: L-Att ta' l-2004 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2004), l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, u direttivi mill-Ministru tal-Finanzi taħt l-artikolu 4(1) (a) ta' l-Ordinanza msemmija, ir-Regolamenti ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat).

Nota: Il-valur ta' l-investiment jista jitla' kif ukoll jinżel matul iż-żmien li l-i*Stock* ikun fis-suq.

Is-7 ta' Mejju, 2004

6. SECURITY: The Stock and dividend thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

7.TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

Pursuant to the Financial Markets Act, 2002 (Cap. 345) an application has been submitted to the Listing Authority for the bonds to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for the bonds to be admitted to its Official List.

8. RELEVANT LEGISLATION: The Budget Measures Implementation Act, 2004 (Act No. II of 2004), the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap.161, and directives by the Minister of Finance under article 4 (1) (a) of the said Ordinance, the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenure of the stock.

7th May, 2004

**Nru. 463**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI**

Skond ir-regolament 30(6) tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar is-Servizzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Ġenerali), wara l-applikazzjoni mill-Maltacom plc biex jiġu approvati xi tibdiliet għat-tariffi preżenti tagħha dan kif avżat fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Novembru 2003, Avviż Nru. 1097, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tgħarraf lill-pubbliku li d-Deċiżjoni tagħha wara l-applikazzjoni fuq imsemmija b'mod partikolari t-tariffi kif approvati f'dik id-deċiżjoni, jistgħu jinqraw fuq il-*website* ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni www.mca.org.mt. Min ma għandux aċċess għall-*internet* jista' jitlob lill-Awtorità biex jingħata kopja b'xejn ta' din id-Deċiżjoni.

It-tariffi kif approvati mill-Awtorità fid-deċiżjoni fuq imsemmija għandhom jidħlu fis-seħħ wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tletin jum ta' avviż pubbliku, liema perjodu għandu jibda mit-3 ta' Mejju 2004.

Is-7 ta' Mejju, 2004

**No. 463**

**MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY**

IN accordance with regulation 30(6) of the Telecommunications Services (General) Regulations, 2000, further to the application by Maltacom plc to approve changes to its current tariffs as notified in the issue of the Government Gazette of the 21st November 2003, Notice No. 1097, the Malta Communications Authority would like to inform the general public that its Decision further to the aforesaid application in particular the tariffs as approved in that Decision, may be viewed on the Malta Communications Authority website at: www.mca.org.mt. For those who do not have access to the Internet, hard copies of the Authority's Decision are available on request free of charge.

The tariffs as approved by the Authority in the aforesaid decision shall come into effect after the lapse of a thirty day notice period commencing from the 3rd May 2004.

7th May, 2004

**Nru. 464**

**ATT TA' L-1989 DWAR IL-PROMOZZJONI TA' PRODOTTI LOKALI**

**(ARTIKOLU 9)**

**Eżenzjoni minn Ħlas ta' Imposta**

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali, il-Ministru responsabbli għall-Industrija approva l-eżenzjonijiet li ġejjin minn ħlas ta' imposta.

**No. 464**

**LOCAL MANUFACTURES (PROMOTION) ACT, 1989**

**(SECTION 9)**

**Exemption from Payment of Levy**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred upon him by section 9 of the Local Manufactures (Promotion) Act, 1989, the Minister responsible for Industry has approved the following exemptions from payment of levy.

Is-7 ta' Mejju, 2004 7th May, 2004

| **H.S. Code** *H.S. Code* | **Importatur** *Importer* | **Deskrizzjoni tal-Prodott** *Product description* | **Kwantità** *Quantity* | **Data** *Date* |
|---|---|---|---|---|
| 1101.00.15.00 | Bakels Malta Ltd. | Post milling heat treated flour | 1850 kgs | 21/04/04 |
| 1905.90.45.00 | Sunflower Trading | Wheat free fine milled oatcakes<br>Mixed berry wheat free biscuits<br>Fruit & spice wheat free biscuits<br>Wheat free organic oat cakes<br>Wheat free cheese oat cakes<br>Wheat free rough oat cakes<br>Stem ginger wheat free biscuits<br>Bulk packed rough oatcakes | 320 pkts<br>376 pkts<br>136 pkts<br>240 pkts<br>240 pkts<br>320 pkts<br>176 pkts<br>360 pkts | 21/04/04 |
| 0710.80.69.00 | Five Effs Import Co. Ltd. | Frozen sliced mushrooms | 630 kgs | 26/04/04 |
| 0710.80.51.00 | Five Effs Import Co. Ltd. | Frozen sliced peppers (red/yellow/ green) | 630 kgs | 26/04/04 |
| 2003.00.10.90 | Simonds Farsons Cisk p.l.c. | Beer in bulk partially processed for further processing | 94501 litres | 26/04/04 |
| 1517.10.10.90 | Rimus Trading Agency Ltd. | Romi Butterich Margarine 7g tub | 4698 kgs | 26/04/04 |
| 2402.20.90.00 | Austria Tabak (M) Ltd. | Memphis Lights cigarettes | 2040000 pieces | 28/04/04 |
| 2402.20.90.00 | N.M. Arrigo Ltd. | Cigarettes | 4250000 pieces | 28/04/04 |
| 2402.20.90.00 | Austria Tabak (M) Ltd. | Marlboro Lights cigarettes<br>Marlboro cigarettes | 2380000 pieces<br>1950000 pieces | 28/04/04 |
| 2402.20.90.00 | Austria Tabak (M) Ltd. | Marlboro Lights cigarettes<br>Marlboro cigarettes | 2180000 pieces<br>2100000 pieces | 28/04/04 |
| 2402.20.90.00 | N.M. Arrigo Ltd. | Cigarettes | 4115000 pieces | 28/04/04 |
| 0207.12.90.00 | Five Effs Import Co. Ltd. | 180 cartons frozen Galletto Valle Spluga (13 x 500grms) | 1826.98 kgs | 28/04/04 |

**Nru. 465**

**ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITLU 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 30. 04. 04 | Lm4.48c3 | 7c8 |
| 03. 05. 04 | Lm4.61c9 | 8c3 |
| 04. 05. 04 | Lm4.51c7 | 8c1 |
| 05. 05. 04 | Lm4.49c5 | 8c1 |
| 06. 05. 04 | Lm4.48c2 | 8c0 |

Is-7 ta' Mejju, 2004

**No. 465**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE**

**(CHAPTER 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

7th May, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 34**

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-triq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ħal Qormi**

Nhar il-Ħamis, l-20 ta' Mejju, 2004 mis-1.00 a.m. sas-6.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Mejju, 2004 minn Triq San Bastjan.

Il-vetturi misjuba qed jiksru dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Mejju, 2004

POLICE NOTICE

**No. 34**

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the street mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

**Qormi**

On Thursday, 20th May, 2004 from 1.00 a.m to 6.00 a.m. of Friday, 21st May, 2004 through Triq San Bastjan.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

7th May, 2004

## TREASURY CALENDAR FOR THE MONTH OF MAY 2004

| MONDAY | TUESDAY | WEDNESDAY | THURSDAY | FRIDAY |
|---|---|---|---|---|
| 3 | 4 TB<br>Tender Date | 5 | 6 | 4 TB<br>Issue of of 91 days & 182 days maturing 6 August 2004 and 5 November 2004 |
| 10 | 11 TB<br>Tender Date | 12 | 13 | 14 TB<br>Issue of 91 days and 273 days maturing 13 August 2004 and 11 February 2005 |
| 17 MGS<br>Opening of 5% MGS 2021 (at par/bids) & 4.8% MGS 2016 II Fungible (bids) | 18 TB<br>Tender Date | 19 | 20 MGS<br>Closing Date of Malta Government Stocks at noon | 21 TB<br>Issue of 91 days maturing 20 August 2004 |
| 24 | 25 TB<br>Tender Date | 23 | 27 | 28 TB<br>Issue of 91 days maturing 27 August 2004 |

*TB denotes Treasury Bills - MGS Malta Government Stocks*

Notes: –

1. Treasury Bills Auctions are accepted every Tuesday and settled the following Friday.

2. When either of these days falls on a Public Holiday the event takes place on the first working day immediately before.

3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids may be made on the application form (available from the Treasury) or by fax on a number registered with, and recognised by the Treasury.

5. Only bids which reach the Treasury (Tender Box or Fax Nos. 25967210) by 10.00 a.m. on the tender date will be accepted.

6. 28 days tenure minimum amount tender Lm100,000, other tenures Lm20,000 minimum.

7. With regard to the tenure the following days will apply:

| | |
|---|---|
| 1 month = 28 days | 9 months = 273 days |
| 3 months = 91 days | 12 months = 364 days |
| 6 months = 182 days | |

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same price per Lm100 as that for which he has tendered for the whole amount.

9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day and payment must be made payable to the Accountant General by means of cash or cheques by not later than 10.00 a.m on the date on which the relative Bills are dated.

10. In the instance were Lm 50,000 and over is accepted, the amount due is to be effected by Bank transfer to the credit of the Public Account (Acc No. 40001 MTL-CACM-001-Q) with the Central bank. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill. A copy of the relative bank transfer is to be furnished to the Treasury before 10.00 am on the date on which the relative Bills are dated.

11. Only offers with a definite price will be considered.

12. The Government reserves the right of not accepting any tender.

7th May, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Post ta' *Trainee Internal Auditor* fid-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Kabinett - Uffiċċju tal-Prim Ministru**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Trainee Internal Auditor* fid-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Kabinett, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2. Il-post ta' *Trainee Internal Auditor* għandu salarju ta' Lm4,798 fis-sena, li jitla' b'żidied fis-sena ta' Lm152 sa massimu ta' Lm5,710.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u l-Uffiċċju tal-Kabinett b'mod partikulari. Il-persuna magħżula tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Trainee Internal Auditor* jinkludu primarjament ir-responsabbiltà li tipprovdi s-*support* kollu neċessarju lill-*Internal Auditors I* u *II*, u s-*Senior Internal Auditors*. Hi tkun direttament responsabbli lejn is-*Senior Internal Auditor/s* li jkunu qed jieħdu ħsiebha tul il-kors ta' *traineeship* u lejn l-ogħla *management* tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, mingħajr ma jkollha ebda forma ta' responsabbilità diretta f'xi livell ta' *management* fil-Ministeru/Dipartiment li fih ikunu għamlu jew qed jagħmlu xi eżerċizzju ta' awditjar intern.

5. L-applikanti għandhom ikunu:–

a) ċittadini Maltin;

b) i) reġistrati bħala studenti ma' *accounting/internal audit bodies* u li jkunu temmew b'suċċess nofs il-kors li jwassalhom biex jikkwalifikaw bħala *professional accountants*/awdituri interni. Dawn il-*professional accounting/internal bodies* huma:–

- *Malta Institute of Accountants (MIA)*
- *Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)*
- *Institute of Internal Auditors (IIA)*

jew

ii) gradwati fil-B. Com. mill-Università ta' Malta u jkollhom il-*passes* meħtieġa ekwivalenti għall-eżenzjonijiet, li jintitolawhom biex jirreġistraw bħala studenti ta' l-istituzzjonijiet rikonoxxuti ta' *accounting*/awditjar intern hawn fuq imsemmija, bil-bqija tal-kors ikun jirrappreżenta nofs il-kwalifika li tinħareġ minn dawn l-istituzzjonijiet;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Post of Trainee Internal Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate, Cabinet Office - Office of the Prime Minister**

The Public Service Commission invites applications for the post of Trainee Internal Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate in the Cabinet Office, Office of the Prime Minister.

2. The post of Trainee Internal Auditor carries a salary of Lm4,798 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,710.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Cabinet Office in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of Trainee Internal Auditors include primarily the responsibility to provide all the necessary support to Internal Auditors I and II and Senior Internal Auditors. He/She will be fully responsible to the Senior Internal Auditor/s who shall be mentoring their traineeship, and to the higher management of the Internal Audit and Investigations Directorate, without any form of direct responsibility to any of the management levels of the Ministry/Department which is/was under an internal audit exercise.

5. Applicants must be:–

a) citizens of Malta;

b) i) persons registered as students with recognised accounting/internal audit bodies and who are already in possession of passes showing that they have successfully completed half the course leading to a professional accounting/internal audit qualification. The recognised professional accounting/internal bodies are:–

- Malta Institute of Accountants (MIA)
- Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)
- Institute of Internal Auditors (IIA)

or

ii) B. Com. graduates of the University of Malta who possess the necessary passes equivalent to exemptions, which would entitle them to register as students of the above-mentioned recognised professional accounting/internal audit bodies, with a remaining course of studies representing half of the qualification awarded by the same bodies;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

6.1. Il-persuna magħżula, mal-ħatra, tkun sponsorjata biex ittemm il-kors ta' studju tagħha. L-i*sponsorship* ikun għal perijodu massimu ta' erba' (4) snin u l-persuna bil-ħatra ta' *Trainee Internal Auditor* tkun mistennija li tintrabat b'kuntratt mal-Gvern fejn tkun obbligata li tibqa' mal-Gvern għal perijodu ta' ħames (5) snin wara li ttemm b'suċċess il-kors.

6.2. Meta ttemm b'suċċess il-kors ta' studju tagħha u tingħata l-kwalifiki ta' *accountant* jew awditur intern, persuna fil-ħatra ta' *Trainee Internal Auditor* tingħata l-ħatra ta' *Intenal Auditor I* fi Skala 10.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lil Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa li joqogħdu għal intervista minn Bord ta' Għażla biex jitqies kemm ikunu adattati għal dan il-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond

c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); other applicants applying from outside the service must produce a Police Certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6.1. The selected candidate will, on appointment, be fully sponsored to complete his/her course of study. The sponsorship will be for a maximum period of four (4) years and a Trainee Internal Auditor will be expected to enter into the statutory contract with Government obliging him/her to serve Government for a period of five (5) years following completion of the course of studies.

6.2. On successful completion of the course of study and the award of the accounting/internal audit qualification, a Trainee Internal Auditor will be appointed Internal Auditor I in salary scale 10.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accomodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; (originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Directorate of Internal Audit and Investigations. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public

Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hi adattata għal dan il-post.

11. Għall benefiċċju ta' dawk l-applikanti interessati, se ssir laqgħa ta' *Information Briefing* nhar it-Tnejn, l-24 ta' Mejju, 2004 fid-9.00 a.m., fil-*Conference Room*, l-Ewwel Sular, Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Berġa ta' Kastilja, Valletta. L-għanijiet ta' din l-*Information Briefing* huma li uffiċjali tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet u l-Uffiċċju tal-Kabinett jagħtu aktar dettalji fuq responsabbiltajiet, prospetti ta' promozzjoni, eċċ, kif ukoll iwieġbu mistoqsijiet relevanti li dawk preżenti jista' jkollhom. Dawk l-applikanti interessati li jixtiequ jattendu għal dal-*briefing* huma mitluba li jirreġistraw il-parteċipazzjoni tagħhom billi jċemplu lid-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fuq in-numru 2123 7737, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, l-20 ta' Mejju, 2004.

12. Applikazzjonijiet (li għandhom jindikaw il-post/ijiet għal x'hiex qed issir l-applikazzjoni) flimkien mal-*curriculum vitae*, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, fl-Uffiċċju tal-Kabinett, Uffiċċju tal-Prim Ministru, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Ġunju, 2004.

13. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta.

14. L-applikazzjonijet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali, iffirmata mill-applikant/a, trid tasal għand id- Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Direttorat huwa +356 - 2123 7681).

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Kabinett. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet jibgħat irċevuta għal kull applikazzjoni bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem.

Is-7 ta' Mejju, 2004

Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. For the benefit of interested applicants, an Information Briefing will be held at the Conference Room 1st Floor, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, on Monday, 24th May, 2004 at 9.00 a.m. The objective of the Information Briefing will be for officials from the Internal Audit and Investigations Directorate and the Cabinet Office to explain in certain detail the responsibilities, promotion prospects, etc and answer any queries and questions that those present might have. All interested applicants wishing to attend for this Briefing are advised to register their participation with the Internal Audit and Investigations Directorate on telephone number 2123 7737 by not later than noon of Thursday, 20th May, 2004.

12. Applications (indicating the post/s being applied for) together with a curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director of Internal Audit and Investigations, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 4th June, 2004.

13. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Director Internal Audit and Investigations, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta CMR 02.

14. Applications received from abroad through fax or other similar message by the closing date will be considered provided that all requisite details are given. The formal applications duly signed by the applicant must reach the Directorate by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Directorate is +356 - 2123 7681).

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Directorate within seven (7) days.

7th May, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Postijiet ta' *Internal Auditor I***
**fid-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet,**
**fl-Uffiċċju tal-Kabinett - Uffiċċju tal-Prim Ministru**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Internal Auditor I* fid-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Kabinett, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1. Is-salarju ta' *Internal Auditor I* huwa ta' Lm5,416 fis-sena, li jitla' b'żidiet ta' Lm175 kull sena sa massimu ta' Lm6,466 (Skala 10).

2.2. Persuna fil-grad ta' *Internal Auditor I* titla' fi Skala 9 b'salarju ta' Lm5,750 kull sena b'żidiet annwali ta' Lm192 sa massimu ta' Lm6,902 kull sena wara li ttemm sentejn (2) servizz fil-kariga ta' *Internal Auditor I* u ta' *Internal Auditor II* fi Skala 8 (Lm6,120 x 209 – Lm7,374), wara li tkun wettqet tmien (8) snin servizz fil-grad ta' *Internal Auditor I*. F'kull każ kull promozzjoni jew *progression* tingħata wara li l-persuna tkun wettqet b'mod sodisfaċenti d-dmirijiet tagħha.

2.3. *Internal Auditors I* jitħallas *bonus* relatat mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu sa massimu ta' ħmistax fil-mija (15%) tas-salarju bażi.

2.4. Meta jkun hemm ċirkostanzi fejn *Internal Auditor I* u *II* jiġu mitluba jaħdmu barra l-ħin normali ta' l-uffiċċju u/jew jiġu mitluba jagħmlu xogħol ta' natura straordinarja barra mill-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju, jingħataw *disturbance allowance* sa ħmistax fil-mija (15%) tas-salarju tagħhom. Il-pagament ta' din l-*allowance* jingħata kull xahar u jista' jkun awtorizzat biss mid-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet

2.5. F'ċirkustanzi eċċezzjonali u fejn attendenza żejda tkun assolutament meħtieġa għal perijodu definit in konnessjoni ma' *audit assignment*, u bi qbil minn qabel mas-Segretarju tal-Kabinett, l-ogħla persentaġġ pagabbli jista' jitla' għal ħamsa u għoxrin fil-mija(25%) tas-salarju ta' l-uffiċjal u dan jitħallas *pro rata* għal perijodu tax-xogħol straordinarju.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jiggvernaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u l-Uffiċċju tal-Kabinett fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'mod partikulari. Il-persuni magħżula jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Internal Auditor I* jinkludu:-

(a) li tirrevedi s-sistemi ta' *accounting* u *internal control* permezz ta' testijiet adegwati u *examination tools*: ir-responsabilità li jiġu stabbiliti sistemi adegwati ta' *accounting* u *internal control* taqa' fuq il-*management* (is-Segretarju Permanenti u l-Kapijiet tad-Dipartiment). Din titlob attenzjoni adegwata fuq bażi kontinwa;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Post of Internal Auditor I in the**
**Internal Audit and Investigations Directorate,**
**Cabinet Office – Office of the Prime Minister**

The Public Service Commission invites applications for the posts of Internal Auditor I in the Internal Audit and Investigations Directorate in the Cabinet Office, Office of the Prime Minister.

2.1. The post of Internal Auditor I carries a salary of Lm5,416 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,466 (Salary Scale 10).

2.2. An Internal Auditor I will progress to Salary Scale 9 - Lm5,750 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,902 on completion of two (2) years service in the grade of Internal Auditor I, and to Internal Auditor II at Salary Scale 8 (Lm6,120 x 209 – Lm7,374), on completion of eight (8) years service in the grade of Internal Auditor I. In all cases progression and promotion are subject to satisfactory performance.

2.3. An Internal Auditor I will be paid a bonus related to performance up to a maximum of fifteen percent (15%) of the basic salary.

2.4. When circumstances arise where Internal Auditors I and II are required to work outside normal office hours and/or undertake duties on an extraordinary nature beyond office hours, a disturbance allowance of up to fifteen percent (15%) of the officer's salary may be paid. The payment of this allowance shall be made on a monthly basis and may only be authorised by the Director (Internal Audit and Investigations).

2.5. In exceptional circumstances and where extra attendance is heavily required for a definite period of time connected with a particular audit assignment and with the prior clearance of the Secretary to Cabinet, the maximum percentage payable may be extended up to twenty-five percent (25%) of the officer's salary pro-rata to the period of extraordinary work.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service in general and the Cabinet Office in the Office of the Prime Minister in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of an Internal Auditor I include:-

(a) the review of accounting and internal control systems by means of adequate tests and examination tools: the establishment of adequate accounting and internal control systems is the responsibility of management (the Permanent Secretaries and the Heads of Department) which demands proper attention on a continuous basis;

(b) għajnuna fid-disinn tas-sistemi ta' *internal control*, li thares l-operat tagħhom u tagħti r-rakkomandazzjoni għal titjib tas-sistemi;

(ċ) li teżamina informazzjoni dwar il-finanzi u l-operat: dan jista' jinkludi *review* ta' kif jiġu identifikati, jitqiesu, u jiġu kklassifikati u li tirrapporta dwar informazzjoni u eżami speċifiku li tkun wettqet f'*items* individwali li jinkludu testijiet dettaljati ta' transazzjonijiet, bilanċi u proċeduri;

(d) ir-*review* ta' l-ekonomija, effiċjenza, effettività ta' l-operat li jinkludu *non-financial controls* li jitħaddmu fil-Ministeri u Dipartimenti;

(e) *compliance review* tal-Ministeri u d-Dipartimenti mal-liġijiet, regolamenti, u rekwiżiti esterni oħra, kif ukoll il-*policies* interni, objettivi u rekwiżiti oħra li jinkludu awtorizzazzjoni proprji ta' transazzjonijiet;

(f) li tagħmel taħt is-superviżjoni assoluta ta' *Senior Internal Auditors, Internal Audit Managers* u/jew Assistenti Diretturi ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, investigazzjonijiet u eżerċizzji speċjali f'*areas* partikulari, li jinkludu żbalji goffi ta' tmexxija u suspetti ta' frodi.

5. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom il-grad ta' *B.A. (Hons) Accountancy* mogħti mill-Università ta' Malta;

jew

ikollhom kwalifika professjonali ekwivalenti mogħtija minn waħda mill-enti professjonali kif jidhru hawn taħt:–

*Malta Institute of Accountants (MIA)*
*Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)*
*Institute of Internal Auditors (IIA)*

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(b) the assistance in the design of the internal control systems, monitoring their operation and recommending improvements thereto;

(c) the examination of financial and operating information: this may include review of the means used to identify, measure, classify and report such information and specific enquiry into individual items including detailed testing of transactions, balances and procedures;

(d) the review of the economy, efficiency and effectiveness of operations including non-financial controls employed within Ministries and Departments;

(e) the review of the compliance of Ministries and Departments with laws, regulations and other external requirements and with internal policies and directives and other requirements including appropriate authorisation of transactions;

(f) the undertaking of, under the complete supervision of Senior Internal Auditors, the Internal Audit Managers, and/or the Assistant Directors of Internal Audit and Investigations, special investigations and assignments into particular areas, including gross management errors and suspected fraud.

5. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a B.A. (Hons) Accountancy degree awarded by the Univeristy of Malta;

or

in possession of an equivalent professional qualification awarded by the recognised professional bodies which are:–

Malta Institute of Accountants (MIA)
Association of Chartered Certified Accountants (ACCA)
Institute of Internal Auditors (IIA)

(c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); other applicants applying from outside must produce a Police Certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accomodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lil Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

6.2. Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to the NCPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8.1. L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa li joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jitqies kemm ikunu adattati għal dawn il-postijiet.

8.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the posts.

8.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

8.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Directorate of Internal Audit and Investigations. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

9. Il-kandidati magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma jikkwalifikaw għal dan il-post.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Għall-benefiċċju ta' dawk l-applikanti prospettivi, se tinżamm *Information Briefing*, nhar it-Tnejn, l-24 ta' Mejju, 2004, id-9.00 a.m. fil-*Conference Room*, l-ewwel sular, Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Berġa ta' Kastilja, Valletta. L-għanijiet ta' din l-*Information Briefing* huma li uffiċjali tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet u ta' l-Uffiċċju tal-Kabinett jagħtu aktar dettalji fuq responsabbiltajiet, prospetti ta' promozzjoni, eċċ, kif ukoll iwieġbu mistoqsijiet relevanti li dawk preżenti jista' jkollhom. Dawk l-applikanti interessati li jixtiequ jattendu għal dal-*Briefing* huma mitluba li jirreġistraw il-parteċipazzjoni tagħhom billi jċemplu fuq in-numru 21237737, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, l-20 ta' Mejju, 2004.

10. For the benefit of interested applicants, an Information Briefing will be held at the Conference Room, 1st Floor, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, on Monday, 24th May, 2004 at 9.00 a.m. The objectives of the Information Briefing will be for officials from the Internal Audit and Investigations Directorate and the Cabinet Office to explain in certain detail the responsibilities, promotion prospects, etc., and answer any queries and questions that those present might have. All interested applicants wishing to attend for this Briefing are advised to register their participation with the Internal Audit and Investigations Directorate on telephone number 21237737 by not later than noon of Thursday, 20th May, 2004.

11. Applikazzjonijiet (li għandhom jindikaw il-postijiet għal xhiex qed issir l-applikazzjoni) flimkien mal-*curriculum vitae*, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, fl-Uffiċċju tal-Kabinett, Uffiċċju tal-Prim Ministru, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta CMR 02, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Ġunju, 2004.

11. Applications (indicating the posts being applied for) together with a curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director of the Internal Audit and Investigations Directorate in the Cabinet Office, Office of the Prime Minister, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta CMR 02, by not later than noon of Friday, 4th June, 2004.

12. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Director Internal Audit and Investigations, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta CMR 02.

13. F'każ ta' applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali, iffirmata mill-applikant/a, trid tasal għand id-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' l-applikazzjoni u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Direttorat huwa 21237681).

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date will be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Internal Audit and Investigations Directorate by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Directorate is 21237681).

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttorat. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta rreġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur ta' l-l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet jibgħat irċevuta għal kull applikazzjoni bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate and a receipt will be given by hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Directorate within seven (7) days.

Is-7 ta' Mejju, 2004

7th May, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Postijiet ta' *Senior Internal Auditor* fid-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Kabinett - Uffiċċju tal-Prim Ministru**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Senior Internal Auditor* fid-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Kabinett, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1. Is-salarju ta' *Senior Internal Auditor* ikun ta' Lm6,520 fis-sena, li jiżdied b'Lm228 fis-sena sa massimu ta' Lm7,888.

2.2. *Senior Internal Auditors* jirċievu *bonus* ta' massimu ta' ħmistax fil-mija(15%) tas-salarju bażi u jkun relatat mal-*performance*.

2.3. Meta jkun hemm ċirkostanzi fejn *Senior Internal Auditors* jiġu mitluba jaħdmu barra l-ħin normali ta' l-uffiċċju u/jew jiġu mitluba jagħmlu xogħol ta' natura straordinarja barra mill-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju, jingħataw *disturbance allowance* sa ħmistax (15%) fil-mija tas-salarju tagħhom. Il-pagament ta' din l-*allowance* jingħata kull xahar u jista' jkun awtorizzat biss

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Posts of Senior Internal Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate, Cabinet Office – Office of the Prime Minister**

The Public Service Commission invites applications for the posts of Senior Internal Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate in the Cabinet Office, Office of the Prime Minister.

2.1. The salary for the post of Senior Internal Auditor is Lm6,520 per annum rising by annual increments of Lm228 up to a maximum of Lm7,888.

2.2. Senior Internal Auditors will be paid a bonus related to performance up to a maximum of fifteen percent (15%) of the basic salary.

2.3. When circumstances arise where Senior Internal Auditors are required to work outside normal office hours and/or undertake duties of an extraordinary nature beyond office hours, a disturbance allowance of up to fifteen percent (15%) of the officer's salary may be paid. The payment of this allowance shall be made on a monthly basis and may only be authorised

mid-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet

2.4. F'ċirkustanzi eċċezzjonali u fejn attendenza żejda tkun assolutament meħtieġa għall-perijodu definit in konnessjoni ma' *audit assignment* u bi qbil minn qabel tas-Segretarju tal-Kabinett, l-ogħla persentaġġ pagabbli jista' jitla' għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tas-salarju ta' l-uffiċjal u dan jitħallas *pro rata* għal perijodu tax-xogħol straordinarju.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u l-Uffiċċju tal-Kabinett fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'mod partikulari. Il-persuni magħżula jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Senior Internal Auditor* jinkludu:

a) superviżjoni tax-xogħol tat-*Trainee Internal Auditors* u *Internal Auditors* I u II u t-tħaddim flimkien ma' dawn ta' programmi ta' *Sectorial Audits,* rilevanti, skond l-*istandards, policies* u proċedura tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet;

b) li tkun il-persuna responsabbli li żżomm kordinament komplet u ta' kull tip bejn il-*lower top* u l-*middle management* tal-ministeru jew dipartiment li fih ikun qed isir l-eżerċizzju ta' awditjar intern;

ċ) il-preparazzjoni ta' rapporti relevanti għal *review* aktar tard u li tassigura li fuqhom tittieħed azzjoni adegwata;

d) li tibda u tieħu inizjattivi u tifformula qafas ta' rakkomandazzjonijiet meħtieġa għat-twettiq ta' proċeduri ġodda u/jew riveduti bbażati fuq esperjenzi prattiċi matul il-kors ta' awditjar intern;

e) li tawtorizza ċ-ċertifikar preliminari tar-rapporti ta' l-*Internal Auditors* I u II qabel ma jgħaddi għall-approvazzjoni ta' l-*Internal Audit Manager,* u/jew l-Assistenti Diretturi tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet;

by the Director (Internal Audit and Investigations).

2.4. In exceptional circumstances and where extra attendance is heavily required for a definite period of time connected with a particular audit assignment and with the prior clearance of Secretary to the Cabinet, the maximum percentage payable may be extended up to twenty-five percent (25%) of the officer's salary pro-rata to the period of extraordinary work.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Cabinet Office in the Office of the Prime Minister in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of a Senior Internal Auditor include:

a) supervision of the work of Trainee Internal Auditors and Internal Auditors I and II, and executing together with such staff the relevant sectorial audit programme, in accordance with the Internal Audit and Investigations Directorate's ruling standards, policies and procedures;

b) being the main contact with the lower top and middle management level of the ministry and/or department subject of the internal audit work being undertaken;

c) compilation of the relevant reports for later review and to ensure that adequate action is being taken;

d) initating action and formulating draft recommendations for the development of new/revised procedures, that would be required, following practical experiences during the course of an internal audit;

e) authorising the preliminary certification of internal audit reports drawn up by Internal Auditors I and II before onward transmission for approval by the Internal Audit Managers, and/or the Assistant Directors of Internal Audit and Investigations;

f) li tipprovdi l-assistenza neċessarja lill-*Internal Audit Manager,* u lill-Assistenti Diretturi ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, fit-tħaddim tax-xogħol tagħhom;

ġ) li żżomm kuntatt ma' l-uffiċjali tan-*National Audit Office (NAO)* biex tassigura li jkun hemm armonija kompleta bejn ix-xogħol ta' awditjar intern kif ukoll dak estern għall-effiċjenza u effettività taż-żewġ funzjonijiet.

5. L-applikanti għandhom ikunu:

(i) ċittadini ta' Malta;

(ii) persuni bil-*warrant* ta' CPA/CPAA u mill-anqas tliet (3) snin prattika professjonali;

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar tard minn sitt (6) xhur minn din id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lil Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

f) providing all the necessary support to the Internal Audit Managers, and to the Assistant Directors of Internal Audit and Investigations, in the effective performance of their duties;

g) liasing with the appropriate level of staff of the National Audit Office (NAO) to ensure that both the work of internal and external audit are completely harmonised towards the efficiency and effectiveness of both functions.

5. Applicants must be:

(i) citizens of Malta;

(ii) in possession of the CPA/CPAA warrant and must prove at least three (3) years professional practice;

(iii) of good moral character (those who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accomodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to the NCPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjonijiet, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.1. L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal *extended interview* minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dawn il-postijiet.

8.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

9. Il-kandidati magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li huma adattati għal dawn il-postijiet.

10. Għall-benefiċċju ta' dawk l-applikanti prospettivi, se ssir laqgħa ta' *Information Briefing*, nhar it-Tnejn, l-24 ta' Mejju, 2004, fid-9.00 a.m. fil-*Conference Room*, l-ewwel sular, Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Berġa ta' Kastilja, Valletta. L-għanijiet ta' din l-*Information Briefing* huma li uffiċjali tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet jagħtu aktar dettalji fuq responsabbiltajiet, prospetti ta' promozzjoni, eċċ, kif ukoll iwieġbu mistoqsijiet relevanti li dawk preżenti jista' jkollhom. Dawk l-applikanti li jixtiequ jattendu għal dal-*Briefing* huma mitluba li jirreġistraw il-parteċipazzjoni tagħhom billi jċemplu d-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fuq in-numru 21 237737, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, l-20 ta' Mejju, 2004.

11. Applikazzjonijiet (li għandhom jindikaw il-post/ijiet għal x'hiex qed issir l-applikazzjoni) flimkien mal-*curriculum vitae* li turi l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, fl-Uffiċċju tal-Kabinett, Uffiċċju tal-Prim Ministru, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Ġunju, 2004.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8.1. Eligible applicants will be requested to attend for an extended interview by a Selection Board to assess their suitability for the posts.

8.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Directorate of Internal Audit and Investigations. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the posts.

10. For the benefit of prospective applicants, an Information Briefing will be held at the Conference Room, 1st Floor, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, on Monday, 24th May, 2004 at 9.00 a.m. The objective of the Information Briefing will be for officials from the Internal Audit and Investigations Directorate to explain in certain detail the responsibilities, promotion prospects, etc., and answer any queries and questions that those present might have. All applicants wishing to attend for this Briefing are advised to register their participation with the Internal Audit and Investigations Directorate on telephone number 21 237737 by not later than noon of Thursday, 20th May, 2004.

11. Applications (indicating the post/s being applied for) together with a curriculum vitae showing qualfications and experience will be received in the first instance by the Director, Internal Audit and Investigations Directorate in the Cabinet Office, Office of the Prime Minister, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta CMR02, by not later than noon of Friday, 4th June, 2004.

12. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali, iffirmata mill-applikant/a, trid tasal għand id-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Direttorat huwa +356 2123 7681).

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Kabinett. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta rreġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet jibgħat irċevuta għal kull applikazzjoni bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem.

Is-7 ta' Mejju, 2004

12. Application forms may be downloaded from these websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Director Internal Audit and Investigations, 18/3, Triq Nofsinhar, Valletta CMR 02.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Directorate by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Directorate is +356 2123 7681).

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Internal Audit and Investigations and a receipt given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Internal Audit and Investigations Directorate within seven (7) days.

7th May, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Technical Attaché* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea**

B'riferenza għas-sejħa għall-applikazzjonijiet biex jimtlew il-pożizzjonijiet ta' *Technical Attaché* ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-8 ta' April, 2004, ngħarrfu b'dan illi d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet qed tiġi estiża b'ġimgħa, jiġifieri sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Mejju, 2004.

Is-7 ta' Mejju, 2004

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Engagement on Contract in the Positions of Technical Attaché at the Permanent Representation of Malta to the European Union**

With reference to the call for applications for the filling of positions of Technical Attaché issued in the Government Gazette of the 8th April 2004 it is hereby notified that the closing date for the receipt of applications is being extended by a week, that is, up to noon of Friday, 14th May, 2004.

7th May, 2004

EUROPEAN PERSONNEL SELECTION OFFICE (EPSO)

**Competitions for Middle Managers from the New Member States**
**Recruitment of Heads of Unit in the European Institutions**

The European Personnel Selection Office (EPSO) of the European Union is organising open competitions with a view to recruiting Middle Managers from the new Member States as Heads of Unit in the European Institutions.

The Notices for these competitions are published in the Official Journal of the European Union C l04 A Volume 47 dated 30 April 2004.

The purpose of these competitions is to draw up reserve lists from which to fill vacant posts in the institutions of the European Union.

The competitions are open only to citizens of the new Member States and cover five specialist areas, namely, law, economics/statistics, audit/finance, European public administration and information/PR as follows:-

EPSO/A/20/04 A5/A4 (A*9 under the new EU Staff Regulations which came into force on 1 May 2004) for heads of unit of Cypriot, Czech, Estonian, Hungarian, Latvian, Lithuanian, Maltese, Polish, Slovenian, and Slovakian citizenship in the following fields:

Field 1 - Law
Field 2 - Macro/microeconomics/statistics
Field 3 - Auditing/financial management
Field 4 - European public administration

Details on academic qualifications may be seen on the EPSO website and on the above-mentioned Official Journal of the European Union.

EPSO/A/21/04 A3 (A*12 under the new EU Staff Regulations which came into force on 1 May 2004) for heads of unit of Cypriot, Czech, Estonian, Hungarian, Latvian, Lithuanian, Maltese, Polish, Slovenian, and Slovakian citizenship in the following fields:

Field 1 - Law
Field 2 - Macro/microeconomics/statistics
Field 3 - Auditing/financial management
Field 4 - European public administration

Details on academic qualifications may be seen on the EPSO website and on the above-mentioned Official Journal of the European Union.

EPSO/A/22/04 A5/A4 (A*9 under the new EU Staff Regulations which came into force on 1 May 2004) for heads of unit of Cypriot, Czech, Estonian, Hungarian, Latvian, Lithuanian, Maltese, Polish, Slovenian, and Slovakian citizenship in the field of information, press and public relations.
Details on academic qualifications may be seen on the EPSO website and on the above-mentioned Official Journal of the European Union

EPSO/A/23/04 A3 (A*12 under the new EU Staff Regulations which came into force on 1 May 2004) for heads of unit of Cypriot, Czech, Estonian, Hungarian, Latvian, Lithuanian, Maltese, Polish, Slovenian, and Slovakian citizenship in the field of information, press and public relations.

Details on academic qualifications may be seen on the EPSO website and on the above-mentioned Official Journal of the European Union.

The European Personnel Selection Office is holding the above open competitions in parallel. One may only apply for one competition only, and one field only within that competition, failing which one will be disqualified. One must indicate on the

online registration form the competition for which one chooses to apply.

Applicants are to submit their applications via the Internet by going to the EPSO website, http://europa.eu.int/epso and following the instructions there concerning the various stages of the procedure. The electronic registration form must be submitted before the deadline for registration, which is 1 June 2004. On-line registration will not be possible after 12.00 noon Brussels time.

Further information on the duties of Heads of Unit and the profile of candidates in all domains, on eligibility, on instructions on how to apply, on qualifications, and other general information may be seen on the above EPSO website, on the "Planned" and "Published Competitions" section of the website. The information has also been published on the Official Journal of the European Union, C 104 A, Volume 47, dated 30 April 2004, which may also be viewed on the EPSO Website.

Applicants are advised to see the above-mentioned Official Journal, and before submitting their application they should carefully check whether they meet all the eligibility criteria.

Department of Policy and Planning
Management and Personnel Office
Office of the Prime Minister
Valletta

7th May, 2004

MINISTERU TAS-SAĦĦA,
L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

**Riżultati ta' l-Intervisti fi Ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità**

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Radjografu (Dijanjostiku)
Inġinier (Elettriku) jew *Junior* Inġinier (Elettriku) fid-Dipatiment għas-Servizzi ta' l-Anzjani u l-Komunità

Is-7 ta' Mejju, 2004

MINISTRY OF HEALTH,
THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

**Results of Interviews for Posts Within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care**

The Director General notifies that the results of the interviews for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Radiographer (Diagnostic)
Engineer (Electrical) or Junior Engineer (Electrical) in the Elderly and Community Services Department

7th May, 2004

DIVIŻJONI TAL-KONSUMATUR
U KOMPETIZZJONI

**Riżultati għall-Intervisti għall-Postijiet ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Ministeru għal-Kompetittività u Komunikazzjoni**

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati ta' l-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* tad-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, Sta. Venera u fuq in-*notice board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-7 ta' Mejju, 2004

CONSUMER AND COMPETITION
DIVISION

**Results of Interviews for Posts of Junior Legal Officer/Legal Officer at the Consumer and Competition Division, Ministry for Competitiveness and Communications**

The Director General notifies that the results of the interviews for the above mentioned posts may be viewed on the notice-board in the Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Triq il-Kanun, Sta. Venera and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

7th May, 2004

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

**Sejħa għal Sottomissjoni ta' Kotba tal-Malti għall-Ewwel sas-Sitt Sena – Livell Primarju**

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data ta' l-għeluq ta' meta l-kotba għandhom jiġu sottomessi ġiet estiża mit-13 ta' Mejju sat-22 ta' Mejju, 2004.

Is-7 ta' Mejju, 2004

EDUCATION DIVISION

**Call for Submission of Maltese Textbooks for Years One to Six – Primary Level**

It is notified for general information that the closing date for submission of the above mentioned books has been extended from the 13th May to the 22nd May, 2004.

7th May, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

**Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-11 ta' Mejju, 2004, għal:**

CT 81/2004. Provvista ta' kapsoli *zidovudine 100mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 82/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *zuclopenthixol acetate 50mg oily* - Diviżjoni tas-Saħħa.

